# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-5 TA' MARZU, 2020

**Kawża Numru : 5**

**Rik. Ġur. 1131/2019 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C3177)**

**vs.**

**V.F. Group Limited (C12944),**
**Vincent Farrugia (K.I. 679652M),**
**Natalie Farrugia (K.I. 20054M),**
**Sole D'Oro Limited (C16697)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tas-soċjeta` attriċi HSBC Bank Malta p.l.c.** preżentat fis-26 ta' Novembru, 2019 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. huwa kreditur tal-konvenuti wara li kien ipprovda diversi facilitajiet bankarji lis-socjeta` konvenuta V F Group Limited li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza tat-30 ta' Jannar 2014 u fil-prezent l-istess socjeta` konvenuta V F Group Limited hija debitrici fil-konfront tal-Bank attur ghas-somma komplessiva ta' erba' mija u hamsa u hamsin elf sitt mija u tnejn u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (Eur 455,672.23), liema somma tirraprezenta kwantu ghal Eur 441,415.00 kapital u kwantu ghal Eur 14,257.23 bhala imghaxijiet sas-17 ta' April 2019 u salvi imghaxijiet legali ulterjuri sal-pagament effettiv fuq il-kont tat-tip 'Overdraft' bin-numru 061-110128-001;

2. Illi ghal dawn il-facilitajiet bankarji dahlu bhala garanti in solidum il-konvenuti Vincenti u Nathalie konjugi Farrugia u Sole d'Oro Limited b'dan illi (a) l-konjugi Farrugia huma responsabbli ghad-dejn kollu filwaqt li (b) Sole d'Oro Limited hija responsabbli sal-ammont garantit minnha ta' €333,000 oltre imghaxijiet legali ulterjuri minn sitt xhur qabel id-data tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament skond l-istess ittra ufficjali;

3. Illi l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-ammonti dovuti anke permezz ta' Ittri Ufficjali datati s-7 ta' Settembru 2018 izda l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lill-konvenuti ihallsu lill-Bank Attur in solidum s-somma komplessiva ta' erba' mija u hamsa u hamsin elf, sitt mija u tnejn u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (Eur455,672.23) salv imghaxijiet legali ulterjuri 18 ta' April 2019 sal-pagament effettiv.

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 7 ta' Settembru 2018 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma ppreżentawx risposta ġuramentata;

Rat l-affidavit ta' Odette Falzon preżentat mill-bank attur fit-3 ta' Frar 2020;

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2020 il-bank attur ippreżenta nota li permezz tagħha, wara li ppremetta li fil-mori tal-kawża kieu saru diversi pagamenti, irriduċa l-ammont mitlub għal €405,156.38 rappreżentanti in kwantu għal €387,247.51 bilanċ tal-kapital u in kwantu għal €17,908.87 rappreżentanti imgħax sempliċi kalkulat sat-22 ta' Jannar 2020; oltre l-imgħax legali mit-23 ta' Jannar 2020 sad-data tal-effettiv pagament;

Rat in-nota tal-konvenuti preżentata fl-istesss udjenza li permezz tagħha ammettew it-talbiet attriċi kif ridotti;

Rat l-atti;

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkonsidrat illi mill-atti jirriżulta abbundantament illi t-talbiet kif ridotti jimmeritaw li jiġu akkolti u li l-ispejjeż għandhom jigu mħallsa mill-konvenuti;

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fuq ammissjoni tal-konvenuti dwar it-talba attriċi kif ridotta, tilqa' t-talbiet attriċi kif ridotti;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-bank attur is-somma komplessiva ta' erba' mija u ħamest elef, mija u sitta u ħamsin ewro u tminja u tletin ċenteżmu (€405,156.38) rappreżentanti in kwantu għal €387,247.51 bilanċ tal-kapital u in kwantu għal €17,908.87 rappreżentanti imgħax sempliċi kalkulat sat-22 ta' Jannar 2020; oltre l-imgħax legali mit-23 ta' Jannar 2020 sad-data tal-effettiv pagament; b'dan illi r-responsabbilita' tas-soċjeta' konvenuta Sole D'Or Limited fir-rigward tal-ħlas tal-kapital hija limitata sal-ammont ta' tlett mija u tlieta u tletin elf ewro (€333,000).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti in solidum bejniethom

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**